MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2015

Avviz Numru. 736/2013

**Borg David**
**ID No.448278-(M)**

**vs**

**Fenech Dario**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur qed jitlob lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas is-somma ta’ hames mija u tmenin ewro (€580) jew somma ohra akbar, liema ammont ma jaqbizx il-kompetenza ta’ dan it-Tribunal. Din is-somma rapprezentanti sehem l-l-attur mir-rikavat ta’ bejgh ta’ ziemel li kien gie akkwistat bejn il-kontendenti partijiet kif ukoll mill-bejgh tas-serkin u faldrappa, kif ukoll habel li jghidulu lusu. Inoltre, qeghda tintalab ukoll is-somma ta’ flus rapprezentanti hlas ta’ kera ghal zmien ta’ uzu tar-remissa u konsum ta’ dawl u ilma maghmul waqt l-istess zmien ta’ uzu, liema ammont ser jigi stabbilit fil-mori tal-kawza.

Illi nonostante interpellat ghall-hlas, l-intimat baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha tinfetah din il-kawza.
Bl-imghax sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjez kollha kontra l-intimat, li huwa ngunt ghas-Subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa illi t-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontrih peress illi l-konvenut qatt ma kien shab mall-attur f’ ko-proprjeta’ ta’ xi ziemel jew zwiemel u/jew tal-attrezzi tal-istess. Illi inoltre l-konvenut qatt ma kellu relazzjoni lokatizzja mal-attur u ghalhekk ebda ammont ta’ kera u/jew spejjez ta’ servizzi m’huma dovuta mill-konvenut. Illi minn issa l-konvenut qed jirriserva d-dritt li jressaq risposta ulterjuri meta u jekk l-attur jasal biex jispjega ruhu ahjar minhabba l-kontenut vag u nebuluz tal-kontenut tal-avviz.

Bl-ispejjez kontra l-attur ingunt ghas-Subizzjoni.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u tax-xhieda l-ohra mressqa minnhom, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Semgha t-Trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi l-attur iddikjara illi hu dilettant taz-zwiemel, u li ghandu remissa l-Marsa, li fiha jzomm zewg ponijiet. Illi l-partijiet kontendenti kienu hbieb, u li l-konvenut kien isuq iz-zwiemel ghall-istess attur, oltre illi l-istess attur kien ta kopja tac-cavetta ta’ din ir-remissa lill-konvenut, sabiex dan seta’ jmur jarma u jahsel iz-zwiemel f’din ir-remissa qabel it-tlielaq fil-korsa tal-Marsa. Illi l-istess attur iddikjara illi oltre li l-konvenut kien isuqlu z-zwiemel, dan tal-ahhar kien anke ssuggerixxa li ssir bicca negozju bejniethom, u dan fis-sens illi jixtru ziemel tat-trott flimkien, sabiex l-istess konvenut ikun jista’ jtellqghu. Illi l-attur iddikjara illi hu accetta, u fil-fatt kienu xtraw ziemel bi shab, u dan versu tpartit ta’ zewgt izwiemel u hlas ta’ somma flus; illi l-attur iddikjara illi zewgt izwiemel kienu tal-konvenut, filwaqt illi l-attur hareg is-somma ta’ flus, li kienet ta’ madwar elf ewro (€1,000) u li thallset lill-venditur taz-ziemel permezz ta’ cheque tieghu; madanakollu, l-attur dan ic-cheque ma rnexxilux jirrintraccjah. Illi l-istess attur jghid ukoll illi dan iz-ziemel tat-trott kien jinzamm fir-razzett

tal-konvenut, u l-ispejjez ghaz-zamma ta’ dan iz-ziemel kienu johorguhom il-partijiet f’sehem indaqs bejniethom. Illi eventwalment il-konvenut iddispona minn dan iz-ziemel billi sar tpartit ma’ ziemel iehor, u l-attur jiddikjara illi z-ziemel li kien gie akkwistat minnu flimkien mal-konvenut gie stmat sitt mitt ewro (€600). Illi l-attur isostni wkoll illi hu kien xtara diversi oggetti u attrezzi ghal dan iz-ziemel, liema oggetti baqghu fil-pussess tal-konvenut, u li ghalhekk qed jitlob il-valur u spejjez taghhom. Illi oltre dan, iddikjara wkoll illi kien sellef xarretta lill-konvenut, sabiex ikun jista’ juzaha t-tifel tieghu, u l-konvenut din baqa’ ma rritornahix. Illi dwar jekk kienx isir xoghol ta’ titqib u nejghil taz-zwiemel tal-attur mill-konvenut, l-istess attur ma nnegax li dan ix-xoghol kien isir mill-konvenut, izda ddikjara wkoll illi hu kien jixtri l-medicinali, u li xoghol il-konvenut kien li jamministrahom.

Illi dwar dan iz-ziemel tat-trott, xehed Charles Mifsud, li minghandu kien inxtara dan l-istess ziemel, u ddikjara illi z-zewg partijiet kontendenti marru flimkien ghandu sabiex jaraw dan iz-ziemel, u meta haduh rcieva hlas permezz ta’ cheque minghand l-attur u zewgt izwiemel minghand il-konvenut. Illi gew imressqa diversi xhieda ohra mill-istess attur li ddikjaraw illi huma kienu jaraw lill-konvenut fir-remissa tal-attur, fejn dak ta’ qabel kien qed ikun jarma z-zwiemel u anke jahsilhom. Illi dwar ix-xarretta, li allegatament tinsab fil-pussess tal-konvenut, xehed Christian Laws, prodott mill-attur, li ddikjara li jaf li l-attur kien sellifha lill-konvenut u anke ghen lill-konvenut sabiex jghabbiha fil-van tieghu.

Illi l-konvenut isostni illi hu qatt ma xtara xi ziemel bi shab mal-attur, u lanqas li qatt biegh xi ziemel li kien bi shab ma’ haddiehor u li zamm ghalih il-flus tieghu. Madanakollu kkonferma illi sar tpartit ta’ ziemel ma’ Mario Farrugia. Ikkonferma illi hu kien jaghmel uzu mir-remissa tal-attur gewwa l-Marsa, u dan sabiex jahslu z-zwiemel. Iddikjara wkoll illi hu m’ghandu ebda oggetti tal-attur fil-pussess tieghu, ghaliex ghandu tieghu stess. Iddikjara wkoll illi ma kien hemm ebda ftehim mal-attur dwar hlas ta’ kera ghal xi stalla jew remissa, u lanqas li l-attur qatt zamm xi zwiemel tal-konvenut f’tali remissa.

Illi missier il-konvenut ikkonferma illi l-konvenut kellu ziemel tat-trott iswed, u li dan kien gabu bi tpartit. Madanakollu, dwar x’kienu n-negozjati sabiex gie akkwistat dan iz-ziemel, u meta eventwalment iddispona minnu u ma baqax ghand il-konvenut, iddikjara li ma kien jaf xejn. Iddikjara wkoll li jaf lill-attur, ghaliex ta’ spiss kien ikun ir-razzett ikellem lill-konvenut dwar iz-zwiemel li kien isuqlu.

Ikkunsidra,

Illi permezz ta' din l-azzjoni l-attur qed jitlob hlas minghand il-konvenut tas-somma ta' hames mija u tmenin ewro (€580.00), "... *jew somma ohra akbar* ...", bhala s-sehem tal-attur mill-bejgh ta' ziemel li kien gie akkwistat mill-partijiet bi shab bejniethom, kif ukoll mill-bejgh ta' serkin u faldrappa, u ghal lusu. Illi oltre dan, u dan dejjem b'referenza ghal dak riportat fl-Avviz tat-Talba, l-attur talab ukoll hlas ta' somma ta' flus li tirrapprezenta il-kera ta' remissa, kif ukoll konsum ta' dawl u ilma, li kien qed isir mill-konvenut waqt li kien qed jaghmel uzu minn din ir-remissa. Illi fil-mori tal-kawza, l-attur imbaghad ipprezenta prospett, li jinsab esebit a fol.35 tal-atti, li permezz tieghu elenka l-oggetti li taghhom qed jitlob il-hlas minghand il-konvenut – stante illi dawn l-oggetti allegatament baqghu fil-pussess tal-konvenut minghajr ma wettaq il-hlas ghalihom – kif ukoll xi spejjez ohra inkorsi mill-attur tul il-hbiberija tieghu mal-konvenut.

Illi minn qari tal-Avviz tat-Talba u ezami tal-prospett imsemmi, iwassal ghal xi ftit tal-konfuzjoni dwar il-bazi tal-azzjoni attrici, u cioe' jekk hux qed jintalab is-sehem tal-attur mill-prezz tal-bejgh ta' ziemel, li madanakollu, mbaghad ma jissemmix fil-prospett imsemmi, u wkoll jekk il-konvenut hux qed jintalab illi jwettaq hlas lill-attur ghall-uzu li kien qed isir mill-konvenut tar-remissa li l-attur ghandu l-Marsa, u dan in linea ta' kumpens partikolarment tal-uzu li l-konvenut kien qed jaghmel mis-servizz ta' dawl u ilma f'din ir-remissa, li mbaghad ukoll ma jissemmewx fil-prospett in kwistjoni. Illi l-oggetti li gew indikati kemm fl-Avviz tat-Talba kif ukoll fil-prospett huma l-"lusu" u l-"faldrappa", fejn fl-Avviz gie dikjarat li dawn inbieghu, filwaqt illi permezz tad-deposizzjoni tal-istess attur, hu ddikjara illi dawn inzammu mill-konvenut minghajr ma wettaq il-hlas ghalihom.

Illi mill-provi mressqa mill-partijiet jirrizulta illi l-partijiet kontendenti kienu hbieb, u li kien hemm relazzjoni ta' fiducja bejniethom, tant illi l-attur kien ta kopja tac-cavetta tar-remissa tieghu li tinsab il-Marsa lill-konvenut, u dan tal-ahhar kien regolarment isuq iz-zwiemel tal-attur fit-tlielaq. Dan oltre illi l-konvenut kien inieghel iz-zwiemel tal-attur, u kien anke

jaghmel xoghol ta' titqib fuq iz-zwiemel tal-attur b'medicinali li kien jixtri l-istess attur. Illi oltre dan kollu jidher illi l-partijiet kontendenti anke xtraw ziemel bi shab bejniethom, u dan kif jirrizulta mid-deposizzjoni ta' Charles Mifsud. Illi jidher illi dan iz-ziemel kien jinzamm mill-konvenut fir-razzett tieghu, u l-istess konvenut kien isuq dan iz-ziemel tat-trott fi tlielaq fil-korsa tal-Marsa. Jidher ukoll illi eventwalment il-konvenut iddispona minn dan iz-ziemel, u parti mill-ftehim li lahaq mal-akkwirent, kien illi jinghata ziemel iehor, li nzamm mill-istess konvenut. Illi dan jirrizulta mid-deposizzjoni li nghatat minn missier il-konvenut, u cioe` Manuel Fenech. Illi konsegwentement, dak dikjarat mill-konvenut fid-deposizzjoni tieghu, meta prodott mill-attur, u cioe' illi ma sar ebda akkwist ta' ziemel bejn il-partijiet ma jidhirx illi ghandha mill-verita', u ghalhekk id-deposizzjoni tal-istess konvenut qed tigi skartata.

Illi dwar il-pretensjonijiet tal-attur kif rizultanti mill-Avviz tat-Talba, ghalkemm l-istess attur ressaq prospett sabiex jissostanzja t-talba tieghu, jigi osservat illi; (i) tali prospett ma jirrispekjax dak kontenut fl-Avviz tat-Talba, (ii) ma giex konfermat bil-gurament mill-attur, u (iii) lanqas ma gie sostanzjat b'ebda dokumenti jew ricevuti f'dak li jirrigwarda l-oggetti li allegatament inxtraw mill-attur u nzammu mill-konvenut. Illi anke f'dak li jirrigwarda r-rapport li sar mill-attur fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun (a fol.27 tal-atti), fejn jidher illi l-Ufficjal tal-Pulizija kkomunika mal-konvenut, u ddiskutew dwar l-oggetti li allegatament inzammu mill-konvenut, l-attur naqas milli jressaq bhala xhud tieghu l-Ufficjal tal-Pulizija li ha r-rapport u li kellem personalment lill-konvenut. Illi ghalhekk, anke tali prova hija nebuluza, partikolarment tenut kont illi dawk il-partijiet fl-istess rapport li jirrigwardaw il-konvenut, gew ofuskati u mghottija.

Illi ghalhekk, l-assjem tal-provi mressaq mill-attur mhux sufficjenti sabiex iwassal lil dan it-Tribunal ghall-konvinciment, anke in bazi ta' ekwita', illi l-valur tal-oggetti indikati fil-prospett imhejji mill-attur huwa dovut u wiehed reali. Illi l-istess ghandu jinghad f'dak li jirrigwarda l-kumpens li l-attur qed jitlob minghand il-konvenut tal-uzu li sar minnu tar-remissa u l-konsum ta' dawl u ilma li seta' sar mill-istess konvenut. Illi mill-provi mressqa mill-partijiet ma rrizulta ebda ftehim bejniethom illi l-konvenut kellu jhallas xi kirja jew kumpens ghall-uzu li kien qed isir mir-remissa in kwistjoni, oltre illi ma gie indikat ebda

perjodu specifiku li dwaru tista' tittratta t-talba tal-attur; anzi jidher illi l-attur ta kopja tac-cavetta lill-konvenut bil-buona volonta' tieghu. Illi dan japplika wkoll f'dak li jirrigwarda l-konsum ta' dawl u ilma, fejn l-attur ma ressaq ebda provi in sostenn tat-talba tieghu, bhal m'huma kontijiet relattivi, u awment li seta' kien hemm f'tali kontijiet tas-servizzi fiz-zmien li l-konvenut kien qed jaghmel uzu mir-remissa.

Madanakollu, u f'dak li jirrigwarda l-akkwist taz-ziemel tat-trott, li imbaghad il-konvenut jidher li ddispona minnu, rrizulta illi l-attur verament ikkontribwixxa lejn l-akkwist ta' dan iz-ziemel, l-attur bi flus u l-konvenut bi tpartit ta' zwiemel ohra. Illi rrizulta wkoll illi eventwalment il-konvenut rega' partat dan iz-ziemel ma' ziemel iehor, u anke seta' hallas xi flus bhala parti minn dan in-negozju. Jidher illi l-attur ma kienx involut f'din id-decizjoni u t-trattativi li setghu ghaddew bejn il-konvenut u t-terza persuna li maghha sar l-eventwali negozju. Illi l-attur iddikjara fix-xhieda tieghu illi kellu jsir jaf illi ghal finijiet ta' dan in-negozju, iz-ziemel li l-partijiet kellhom bi shab bejniethom gie stmat sitt mitt ewro (€600.00). Illi z-ziemel li gie akkwistat mill-konvenut bi tpartit, bl-isem "Spanky", baqa' ghand l-istess konvenut, minghajr ma dan tal-ahhar ikkumpensa lill-attur tas-sehem spettanti lilu minn tali negozju. Illi ghalhekk, u fic-cirkostanzi, it-Tribunal ser jghaddi sabiex jordna illi l-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tliet mitt ewro (€300) bhala nofs il-valur li gie stmat iz-ziemel li l-partijiet kienu akkwistaw bi shab bejniethom, u li l-konvenut iddispona minnu sabiex akkwista ziemel iehor.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut u qed jilqa' *in parte* t-talba tal-attur, u jordna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tliet mitt ewro (€300.00), bl-imghax mid-data tal-prezenti.

L-ispejjez ta' din il-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------